MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 317/2013

Appell Nru: 317/2013

Il-Pulizija

[Spettur Trevor Micallef]

Vs

Josef Borg

Illum, 27 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Josef Borg, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 26980G, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-24 ta' Marzu, 2013 ghal-habta tas-18:00hrs waqt li kien gewwa Luxol Ground, Pembroke (waqt partita football bejn San Gwann vs Pembroke):

1. Uza kliem offensiv u/jew wera imgieba abbuziva;

2. U aktar talli xewwex gemga ta' aktar minn ghaxar (10) persuni sabiex iwettqu reat;
3. U aktar talli naqas illi jobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilhu mill-pulizija ufficjali u cioe lil PC917 u PC145 inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil pulizija waqt li kienu jghamlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom blli ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista` jghamel.
4. U aktar talli ingurja u hedded bi kliem, jgew ghamel offiza fuq PC917 u PC145, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
5. U aktar talli qal fil-pubbliku xikliem oxxejn jew indecenti.
6. Qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Il-Prosekuzjoni tablet lil Qorti li f'kaz ta' sejbien ta' htija l-imputat jigi skwalifikat milli jattendi ebda attivita sportiva ghal-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-27 ta' Gunju, 2013, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 7 u 9 tal-L.S. 10.33 u l-artikoli 68(1), 338(ee), 95, 338(bb), 342 u 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi; sabithu hati pero` tat-tieni, tat-tielet, tar-raba, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u kkundannatu komplessivament ghall-hlas ta' multa fis-sommata' seba` mitt euro (€700). In oltre, issosspendietu/ipprojbietu milli jattendi f'xi ground tal-isports ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur minn dakinhar tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi Josef Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti:

1) Tirrevoka s-sentenza apellata u konsegwentement
2) Tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih kif ukoll minn kull piena u htija skond il-ligi;
3) Alternattivament tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant u in-vista tal-fatt li huwa player tal-football tnaqqas b'mod sostanzjoali l-piena lilu nflitta, hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi mix-xhieda u provi mressqa johrog car li l-esponent ma kellu ebda sehem fi kwalunkwe att li seta sehh gewwa l-Luxol Ground. Illi imkien fix-xhieda tal-kuntistabli ma jirrizulta li kienhemm xi forma ta' kuntatt jew komunikazzjoni bejn l-appellant u l-forzi tal-ordni.

Illi l-esponent huwa akkuzat li ghamel dawn ir-reat gewwa l-Luxol Ground waqt il-partita. Illi waqt ix-xhieda prezentata mill-prosekuzzjoni hareg car illi tali azzjonijiet saru barra fit-triq u mhux fil-Luxol Gorund. Illi ghalhekk ma jirrizultax li l-esponent waqt li kien gewwa l-Luxol Ground ghamel xi reat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tal-elfejn u tlettax (2013) ghal habta tas-sitta ta' filghaxija (6.00 p.m.) kien prezenti ghal loghba football gewwa l-Luxol Ground ta' Pembroke waqt partita bejn it-timijiet ta' San Gwann u Pembroke. Waqt din il-loghba nqala' incident fejn tkecca player u l-appellant huwa addebitat illi irreagixxa ghal dan l-incident bi kliem offensiv u mgieba abbuziva u xewwex gemgha ta' nies ta' aktar minn ghaxra biex iwettqu reat. Barra minn hekk, huwa gie addebitat ukoll illi ma obdiex l-ordinijiet tal-pulizija, ingurja u hedded bil-kliem lill-istess pulizija, qal kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku u anki dagha.

B'sentenza moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni però sabitu hati tal-bqija u kkundannatu ghall-multa ta' seba' mitt ewro (€ 700) u issospendietu milli jattendi xi sports ground ghal perjodu ta' sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn argumenta illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma jlahhqux dak il-grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni u fi kwalunkwe kaz hemm konflitt fil-provi peress illi pulizija qal illi l-glied beda fil-ground u kompla barra waqt li l-iehor qal illi l-glied kien fil-ground u lanqas ma ngabet prova illi l-gemgha ta' nies illi kien hemm kienu aktar minn ghaxra.

Ikkunsidrat:

Quddiem din il-Qorti xhedu l-pulizija involuti PC 917 Joseph Camilleri u PC 145 George Abela fejn it-tnejn qablu illi f'xi hin waqt il-partita, player ta' Pembroke gie mkecci. Dan m'accettax din id-decizjoni u supporters ta' San Gwann bdew jinsulentawh. Hawnhekk missier il-player avvicina s-supporters ta' San Gwann u indirizzahom bi kliem mhux xieraq. Minnufih intervenew il-pulizija biex jipprotegu din il-persuna peress illi s-supporters ta' San Gwann kienu se jirreagixxu ghal dan l-atteggjament tieghu. Iz-zewg pulizija identifikaw lill-appellant illi ma bediex jobdi l-ordnijiet taghhom u fost hafna kliem oxxen u dagha fil-pubbliku u anke theddid fil-konfront taghhom beda jincita l-gemgha ta' nies illi kien hemm sabiex jahbtu ghall-pulizija. PC Camilleri jghid illi ra lill-appellant min-naha ta' San Gwann iheggeg lin-nies biex jinzlu ghalihom u dan fost hafna ghajjat, kliem fahxi u dagha. Hu ghamilha cara illi n-nies li beda jheggeg kienu aktar minn ghaxra. L-istess qal PC George Abela fejn ra lill-appellant jinstiga lis-supporters ta' San Gwann ghal vjolenza fost hafna dagha u kliem hazin. Ghad illi l-pulizija ippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni l-appellant kien aggressiv hafna fil-konfront taghhom.

Wara s-smigh ta' dawn il-provi din il-Qorti tasal ghall-istess konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Jibda biex jinghad illi ma tara l-ebda konflitt fil-provi tal-pulizija Joseph Camilleri u George Abela. It-tnejn xhedu illi l-glied beda fil-ground u kien l-appellant illi instiga lis-supporters ta' San Gwann biex jinzlu ghall-pulizija u juzaw aggressjoni fil-konfront taghhom. Fl-isfond ta' dawn il-provi l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Kif qalet il-kawza "Il-Pulizija kontra Carmelo Schembri" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April elf disa' mija hamsa u disghin (1995) hu principju stabbilit fil-giurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni illi dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha u waslet ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi d-diskrezzjoni taghha tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------